# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 226 :: MARZU, 2015



***Editur: Paul Vella***

paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Marzu, 2015,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## NISTIDNUK GĦALL-*BARBECUE*




Qed nippjanaw li l-*barbecue* se jinżamm fit-tielet Ħadd ta' Marzu, jiġifieri l-Ħadd, 15 ta' Marzu. Bħas-soltu niltaqgħu għand Frank u Draga Bonett, fuq il-propjeta` tagħhom, **125 Blackwells Lane, Bulla**. Bħalma jagħmlu kull sena, Frank u Draga jkunu tant ġentili li jilqgħuna għandhom biex inqattgħu nofstanhar flimkien. Nispera li l-membri kollha jiġu biex ikollna numru sabiħ. Niltaqgħu għal xi l-11.30 am. Ikollna *barbecue* fejn il-Grupp jieħu ħsieb ta' kollox: laħam, salads, inbid, xorb minerali, te u kafe`, eċċ. Ejjew u ħudu pjaċir. Naturalment, ġibu magħkom platti, tazzi, eċċ u xi qari. Hu importanti li dawk li fi ħsiebhom jiġu, iċemplu lil **Salvina Vella** fuq **9460-4404 jew *Mobile* 0409 961 928.** Dawk li jużaw l-*internet* ikunu jistgħu jibagħtu *email* lil Salvina Vella fuq **paul.vella44@gmail.com** biex ikunu jistgħu jsiru l-preparamenti għall-ikel. Għal dawk li forsi din se tkun l-ewwel darba li jiġu għand Frank u Draga, qiegħed nipproduċi mappa biex forsi tkun ta' għajnuna għalikom biex issibu l-post aktar malajr. Nixtieq nieħu din l-opportunita` biex għal darb'oħra nirringrazzja lil Frank u lil Draga li ta' kull sena jilqgħuna għandhom. Napprezzaw ħafna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## TIKTEB AMANDA BUSUTTIL MINN MALTA...

Niżżik ħajr tal-folju. Ħadt pjaċir ħafna bih. Qrajtu bil-qalb u li hemm fih ferraħni, nara li l-Malti u l-Maltin dejjem jirsistu qatigħ, minkejja li fuq il-medja nisimgħu lil ħafna jgħidu li l-Malti nieżel in-niżla. Dan il-folju u ħafna ħidma oħra li ssir bil-qalb minn dawk li vera jħobbu l-Malti, għad iħallu bla dubju l-Malti tagħna sod fuq saqajh. U allura kif nista' ma nifraħx b'din it-tama ġo qalbi? Paul nixtieq illi nsellem ħafna lill-ħabib għażiż tiegħi l-poeta Joe Saliba, billi niftakruh f'dawn il-versi tiegħu mill-ktieb 'Uluru':

### IL-POST TAD-DELITT

Biex iż-żerniq
ma jaqbdux fil-fatt
li ġie u seraq
kulma ried fid-dalma,
il-lejl
ħarab u telaq...
'mma bl-għaġla li ħalla l-post
waqgħulu l-qtar tal-fidda fuq il-weraq.

## IKUN LI TRID INT - *THY WILL BE DONE*

***musicworx*** presents a staged production of IKUN LI TRID INT, a Maltese musical following the final hours of Christ's life based on the 14 Stations of the Cross. IKUN LI TRID INT (translating to Thy Will Be Done) was written and composed by Therese Cassar and Prof. Manwel Mifsud in 1976 and is now considered a classical musical in Malta, widely performed during the Holy Week celebrations on the Maltese islands. The production hopes to draw a multicultural audience by presenting the musical IKUN LI TRID INT across a number of creative and artistic media, so that non-Maltese speakers may also have the opportunity to experience the simple yet profound reflection of The Passion of Christ. IKUN LI TRID INT is a community production and all profits raised will go to the Aldea Infantil Sagrada Familia in Arequipa, Peru – a home for 50 children and youth run by Fr Alex Busuttil MSSP.




St Bernadette Community Centre
21 Cooke Ave, Sunshine North
Saturday March 21, 7.30 pm
Sunday, March 22, 4.30 pm

Contact Simone Cremona on 0438 549 362 for more information and to make bookings.

# SERATA LETTERARJA F'GĦELUQ IX-XAHAR MILL-MEWT TAL-POETA GĦAWDXI DUN ĠORĠ MERCIECA



Nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar miet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex Dun Ġorġ Mercieca. Huwa twieled fil-Belt Victoria fis-7 ta' Settembru 1944 u f'Settembru 1962 ingħaqad mal-Kongregazzjoni Sależjana ta' Don Bosco. Beda l-istudji tiegħu tat-Teoloġija għand is-Sależjani ta' Catania u kompla jispeċjalizza fl-Università Pontificia Sależjana, Ruma. Kien ordnat saċerdot mill-Arċisqof Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fis-sena 1974. Ħdax-il sena wara huwa ngħaqad mal-Kleru Djoċesan ta' Għawdex. Għadda ħajtu jgħallem fl-iskejjel Sależjani fi Sqallija u f'Malta u kompla fl-iskejjel tal-Gvern f'Għawdex. Huwa jibqa' magħruf b'affett kbir bħala l-*Poeta tal-Assunta* għax din kienet il-kawża tal-ferħ tiegħu u kompla fejn kien ħalla l-poeta Marjan Ganninu Cremona. Ta' kull sena kien jiktbilha poeżija fl-okkazjoni tal-ħruġ tagħha min-niċċa matul l-ewwel jiem ta' Awwissu. Dan l-appuntament annwali kien sagrosant għalih u mistenni mill-parruċċani kollha. Kien stabbilixxa ruħu bħala wieħed mill-aħjar poeti ta' żmienna u l-poeżiji mirquma tiegħu jinsabu mxerrda fuq bosta ġurnali u rivisti. L-aħħar antoloġija tiegħu kienet L-*Għanja taċ-Ċinju* mitbugħa fl-2006. Għal ħafna snin kien id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika "Il Leone". Għal iktar tagħrif dwaru wieħed jista' jara l-ktieb tiegħi Profili Għawdxin stampat is-sena li għaddiet mill-Klabb Kotba Maltin.

F'għeluq ix-xahar mill-mewt tiegħu, fic-Circolo Gozitano fi Pjazza Savina Victoria, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2015, fis-7pm kulħadd kien mistieden għal Serata Letterarja li saret f'ġieħ Dun Ġorġ bis-sehem ta' diversi kittieba li kienu jafuh, fosthom John Cremona, Joe W Psaila, Charles Bezzina, Joe Camilleri, Dr Alfred Grech, Anton F. Attard, Mario Borġ, Il-Kapuċċin Patri Remiġ Galea kif ukoll Gorġ Mercieca u Matthew Sultana li qrawlu poeżija fil- Katidral fil-jum tal-funeral tiegħu. Is-sinjura Antoinette Grech qrat wkoll xi poeżiji ta' dal-poeta li ħalliena fl-għomor ta' 70 sena. Għal min forsi ma kienx jafu biżżejjed, inqrat wkoll il-bijografija tiegħu.

Tazza nbid ma naqsitx biex tilqa' għal dal-ksieħ li qed jagħmel!

***– Kav. Joe M Attard, Koordinatur***

# JIKTEB JOHN BONELLO . . .



**John Bonello**

L-ewwelnett, grazzi li żortu dan is-sit. La wasaltu s'hawn x'aktarx tħobbu taqraw, u l-qari u l-kitba huma għal qalbi ħafna. Jien nikteb l-istejjer li nieħu gost nisma' u naqra. L-aktar ġeneru li nħobb huwa dak tal-fantażija, għalkemm xi kultant nesperimenta u nipprova nim-raħ f'mergħat oħra tal-letteratura wkoll.

Dawn huma wħud mill-premjijiet li ġejt mogħti għall-kotba tiegħi:

• L-ewwe ktieb li ppubblikajt kien It-*Tielet Qamar*, fl-2008, u fl-istess sena ġejt mogħti *Ġieħ Ħad-Dingli* għall-kontribut tiegħi fil-letteratura.

• It-tieni ktieb, *L-Aħħar Ħolma*, kien ir-rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2011 fil-kat-egorija Proża għall-Adoloxxenti.

• It-tielet ktieb tiegħi, *Is-Sitt Aħwa*, rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2013 fil-kategorija Proża għall-Adoloxxenti.

• Fil-*Mergħat tal-Impossibbli* kien wieħed mill-erba' finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-kategorija Rumanzi għall-Adulti.

Minbarra l-kotba, ktibt ukoll għadd ta' stejjer qosra li dehru f'diversi pubblikazzjonijiet. Dawn jinkludu:

• *It-Tifla li Qalbet il-Muntanja Rasha 'l Isfel* - storja għal tfal bejn 7 u 10 snin li ntgħażlet minn MeStories, għaqda żagħżugħa taħt il-kappa tal-*Young Enterprise*. L-għan ta' din l-għaqda kien li tippubblika għadd ta' stejjer bil-Malti fuq *application* li tistgħu ssibuha hawnhekk: https://itunes.apple.com/mt/app/mestories/id807062938?mt=8

• *Karozza bħal tagħha* - storja li dehret fil-ħarġa nru 33 ta' Leħen il-Malti, ir-rivista tal-Għaqda tal-Malti

• *Vjaġġ ta' Darba* - storja ta' fantaxjenza ppubblikata fi *3.MT*, ktieb tal-kurrikulu skolastiku għall-Form 3

• *Sinna* (14 ta' Ġunju 2014) u *Buffura Kliem* (11 t'Ottubru 2014) - 2 stejjer qosra li dehru fuq il-paġna *FaceBook* ta' *Għidli Mitejn*, inizjattiva ta' Ġorġ Mallia. L-*eBook Għidli Mitejn* jista' jitniżżel mingħajr ħlas minn din il-ħolqa: http://www.gorgmallia.com/200.htm


Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# "IN HER ELEMENT"

(Poeżiji, ISBN 9789995782887) Pubblikazzjoni Faraxa 92 paġna.

Din hija t-tielet ġabra poetika ta' Therese Pace, (it-tnejn l-oħra *Arpeġġi*, 2003, mogħti l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2014, u *Meta Tkellimni Hi...* 2011) huma bil-Malti. Tiġbor fiha 60 poeżija u għandha daħla tal-Professur Oliver Friġġieri u esej kritiku ta' Patrick Sammut. Jekk wieħed jista' jislet tema primarja f'din il-ġabra, din tkun ir-relazzjoni fid-diversità tagħha: dik tal-bnedmin bejniethom, tal-bniedem mal-oġġett, tal-bniedem miegħu nnifsu u l-bqija. Il-poeżiji nfushom jittrattaw temi varji daqskemm varji huma l-istili li jiffurmawhom. Pace tgħid li hi bħan-naħla li toqgħod fuq kull fjura u tixrob minn kull għajn. Jinsab għall-bejgħ mingħand il-ħwienet tal-kotba ewlenin kif ukoll direttament mingħand Faraxa Publishing, mingħandha u mill-*Amazon*.

# IL-LAQGĦA TA' JANNAR

Il-laqgħa ta' Jannar inżammet nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar fejn 14-il membru attendew.

Sar qari mill-membri John Muscat, Manwel Cassar, Marie Louise Anastasi u Michael Xuereb li qraw xogħol tagħhom jew ta' kittieba oħra.

Matul il-laqgħa ltqajna ma' Luca Taliana li bħalissa jinsab f'Melbourne fuq studju.

Wara l-laqgħa kellna xi rinfreskanti fejn kulħadd ħa kikkra te jew kafè jew inbid u xorb minerali u xi kejk jew gallettini. Kien ukoll ftit pastizzi.



**Fir-ritratt, fuq wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella, Charles Attard, Joe Bonett, John Muscat, Michael Xuereb, Alfred Xuereb, l-Avukat Victor Borg, Ray Anastasi. Quddem, mix-xellug għal-lemin: Dr Victor Sammut, Josephine Cassar, Salvina Vella, Rosemary Attard, Luca Taliana, Marie Louise Anastasi** *(Nieqes: Manwel Cassar, kien għadu mhux fil-kamra).*

# IL-KARNIVAL BAROKK F'MALTA

## *Ritwali viżivi, miktuba u mitkellma*



F'din it-taħdita, Dr William Zammit wera kif il-Karnival f'Malta ta' żmien l-Ordni kien opportunità ta' żvog qabel Randan ta' sawm, astinenza u ta' waqfien minn kull xorta ta' divertiment. Iżda kien ukoll mimli b'ritwali ta' poter u ta' ħarba minn realtà soċjali u ekonomika oppressiva.

Il-logħob tan-nar, il-maskri, il-qarċilla u t-taqbiliet kienu jiġbdu lejhom l-eluf. Il-Knisja, mill-banda l-oħra, kienet torganizza l-kwaranturi b'reazzjoni.

It-taħdita saret fit-13 ta' Frar 2015 fil-Palazz tal-Inkwiżitur u kienet organizzata minn Heritage Malta, id-Dipartiment tal-Malti tal-Università u l-Akkademja tal-Malti.

GRAZZI lil dawk kollha li attendew għal din it-taħdita interessanti.

https://www.facebook.com/akkademjatalmalti




**Nirringrazzja lill-membru tagħna Rose Lofaro li tgħin fil-qari tal-provi għalkemm jekk taħrab xi kelma nidħol responsabbli għaliha jien. Grazzi wkoll lil Joe Borg u Patrick Sammut u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta. Grazzi u napprezza.**

# THE GOZO-MALTA CONNECTION

***The Gozo-Malta Connection: paġni 310, stampat u ddisinjat għand Best Print Co. Ltd tal-Qrendi. Awtur Michael Cassar***




Għalkemm il-ħabib tiegħi Michael Cassar *(bejn l-1967 u l-1969 konna qed nitħarrġu flimkien għal għalliema f'St Michael's Training College, Ta' Ġiorni, San Ġiljan)* għażel li jikteb dan il-ktieb voluminuż tiegħu bl-ilsien Ingliż, jien sa nikteb ftit vrus dwaru bil-Malti, la għoġbu jiftakar fija wara dawn is-snin kollha u jibgħatli kopja tiegħu.

Din il-pubblikazzjoni interessanti miżgħuda bir-ritratti, qed tasal f'idejna meta propju qed niċċelebraw il-130 sena mill-bidu tas-servizz postali bejn Malta u Għawdex kif ukoll il-35 sena tal-Kumpanija Gozo Channel, responsabbli mit-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer li flimkien ma' tlieta oħra ferm iżgħar jagħmlu l-arċipelagu Malti.

Kif jinsisti l-awtur u aħna ma nistgħux ma naqblux miegħu, aħna mxejna ħafna 'l quddiem matul dawn l-aħħar deċenji u wieħed mill-fatturi għal dan il-progress huwa minħabba t-trasport li jeżisti llum bejn Malta u Għawdex, trasport li jmur lura lejn dawk l-ewwel jiem tas-sena 1885 meta beda jbaħħar fuq dan ix-xiber baħar il-*Gleneagles*. Minn dak iż-żmien 'l hawn min jaf kemm vapuri qasmu l-fliegu, uħud minnhom spiċċaw u tfarrku u sabu qabarhom f'qiegħ il-baħar fejn illum iżiruhom għadd kbir ta' għaddasa. L-awtur bla dubju jirriproduċi ħafna minn dawn f'dan il-ktieb eċċitanti tiegħu. Riedu jkunu dawn il-vapuri li jperrċu isem Għawdex u jwasslu s-sbuħija u l-kampanja tiegħu, il-prodotti tiegħu, l-istorja għanja tiegħu, lil ħutna ġewwa Malta. Ara qattx tista' toħlom lil Għawdex maqtugħ, iżolat minn Malta! Kif għidt iktar 'l fuq, din il-pubblikazzjoni titkellem dwar l-għadd ta' qxur li qasmu bejn Malta u Għawdex matul dawn l-aħħar 130 sena.

Sa mill-1960 saru diversi attentati biex jgħaqqdu lil Malta u lil Għawdex flimkien kemm bl-ajru kif ukoll b'mezzi oħra ħfief li jżiġġu fuq wiċċ l-ilmijiet, imma dawn s'issa dejjem fallew għal xi raġuni jew oħra. Mis-sena 1970 nibtet ukoll l-ideja li jinbena xi tip ta'pont jew 'tunnel' li kien hemm min riedu u kien hemm min opponih. Din il-miżura nibtet biex dejjem jitjieb il-mezz ta' trasport bejn iż-żewġ gżejjer, għalkemm illum għandna vapuri tajbin, mibnijin Malta wara studju ta' kif iġib ruħu l-baħar; għalkemm dan jibqa' dejjem imprevedibbli, għax il-qawl Malti għadu hemm: 'il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa daqs ħatba!' U l-Għawdxin jafu sew xi tfisser tqum kmieni biex tiġi Malta għax-xogħol jew għall-istudju, għal xi operazzjoni maġġuri, għas-safar u mhux għal xi kapriċċ, u ssib ma' wiċċek xi baħar irid jibla' l-art! Talinqas spiċċa ż-żmien li l-Għawdxin jaqbżu l-art minn fuq il-vapur meta dan mank biss ikun għadu rabat mal-moll tal-Marfa biex jaqbdu x-xarabank li ma tiqafx mat-triq, jew tgħaġġel kemm tiflaħ biex ma titlifx il-vapur lejn Għawdex għax inkella trid tistenna strappata sħiħa, inkella meta agħar u agħar ma kienx ikollok torqod Malta. Illum il-ġurnata fuq in-naħa ta' Malta hemm fejn tistkenn sewwa u s-servizz tal-buses tjieb konsiderevolment u hemm spazju għal iktar titjib u l-flotta tal-Gozo Channel ġejja u sejra u l-lok tad-dewmien żejjed spiċċa.

Matul is-snin familji Għawdxin fosthom dawk ta' Karistu Żammit (wieħed minn erbgħa li kienu ħelsuha ħafif meta luzzu b'27 ruħ fuqu inqaleb u għereq f'Ħondoq ir-Rummien fit-30 ta' Ottubru 1948), Bernard Żammit, Gollcher, Magro, Gasan, Dacoutros, Grech, Galea, Ħili, Xuereb, Debono, Scicluna, Vella u oħrajn investew flushom f'vapuri biex jgħaqqdu l-Marfa mal-Imġarr meta l-Budgets tal-Gvernijiet ma kenux jippermettu li jidħlu għal piż bħal dan.

'The Gozo-Malta Connection' qed jiftaħ tieqa beraħ fuq l-istorja tat-traġitt sa mill-bidu tiegħu bejn Malta u Għawdex, imżewwaq, kif għidt, b'għadd mhux żgħir ta' ritratti u postcards qodma u aktar reċenti ta' tant dgħajjes u vapuri li ppruvaw iżommu qrib xulxin lil Malta w Għawdex u għalkemm dal-ktieb miktub bl-Ingliż, ċert li l-poplu tagħna kapaċi jsegwi dak kollu li ħejjielna l-ħabib tiegħi u ex għalliem Michael Cassar li nqeda b'fotografija tassew tajba biex iwassal il-messaġġ tiegħu.

– ***Kav. Joe M Attard*** emarjos@hotmail.com

# IL-KANTILENA

Għadu kemm ħareġ il-*Journal of Maltese Studies* fuq il-Kantilena. Ktieb sabiħ bi studji fuq il-lingwa, il-letteratura, il-kultura tan-nutara u r-restawr tal-volum.
Editur Dr Bernard Micallef.
Jiswa €15. Manetta bil-kulur. Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Università b'kollaborazzjoni ma' Midsea.




# ADAĠJO



Kiebja, wieqfa fuq pier tal-marbat, l-aħħar
gawwija, rasha mdeffsa f'għonqa, tilbes
l-aħħar vjola tax-xemx fl-aħħar ta' triqtha.
Bla seħħlu jbattal it-tagħbija, isewwed
fix-xefaq bastiment jistenna l-għada.
Xfar għajnejh miblulin bid-dmugħ hemm tfajjel
b'rasu mserrħa fuq sider ommu, rasha
immejla, mitlufin fil-baħħ għajnejha.
Fuq mewġ sħab kwiet f'baħar is-sema jdallam,
terħi d-dija aħħarija, tax-xemx nieżla,
nieżla, nieżla bil-mod il-mod għajjiena.
Taħrika waħdanija, żiffa ssawwar
irxiex mill-baħar. Timla bih u ddemmgħa
għajn kajjik inkaljat, maqlub fir-ramla.
Vjola, kitarra qalb, sħaba ddoqq kiebja.

***Manwel Cassar, 21-11-2005***

*B'din il-poeżija, Manwel Cassar rebaħ l-ewwel premju (Rebbieħa Assoluta tal-Konkors). Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Mons. Amante Buontempo 2014.*